# It-Tielet Ħadd tal-Avvent

## Qari I

*Minħabba fik il-Mulej jithenna b'hena kbir.*

Sof 3, 14-18a

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Sofonija**

14 Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon,
Iżrael, samma' leħnek!
Infexx fl-hena u ifraħ b'qalbek kollha, bint Ġerusalemm!

15 Neħħa l-Mulej minn fuqek is-sentenza li kellek kontrik,
keċċa l-għedewwa tiegħek.
Is-sultan t'Iżrael, il-Mulej, hu f'nofsok;
ma jkollokx iżjed ħsara minn xiex tibża'.

16 Dakinhar jgħidu lil Ġerusalemm:
«Tibżax, Sijon,
tħallix idejk jintelqu!
17 Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok,
gwerrier li jsalva;
minħabba fik jithenna b'hena kbir,
fi mħabbtu jġeddek,
jinfexx minħabba fik f'għajjat ta' ferħ,
18 bħalkieku f'jum ta' festa.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Is 12, 2-3.4bċd. 5-6

R/. (6): Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael

[2]Alla s-salvazzjoni tiegħi,
jiena nittama u ma jkollix mniex nibża'.
Għax qawwieti u għanjieti hu l-Mulej,
għalija sar is-salvazzjoni.
[3]Kollkom ferħana
timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni. R/.

[4]Roddu ħajr lill-Mulej, sejħu ismu,
għarrfu lill-ġnus bl-għemejjel tiegħu,
xandru li ismu huwa fl-għoli. R/.

[5]Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar;
ħa jkun dan magħruf mal-art kollha.
[6]Aqbeż bil-ferħ, għanni,
int li tgħammar f'Sijon,
għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael. R/.





## Qari II

*Il-Mulej qorob.*

Fil 4, 4-7

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin**

Ħuti, [4]ifirħu dejjem fil-Mulej; nerġa' ngħidilkom, ifirħu. [5]Il-ħlewwa
tagħkom, ħa jkunu jafuha l-bnedmin kollha. Il-Mulej qorob!

[6]Tħabbtu raskom b'xejn. Fit-talb kollu tagħkom itolbu u uru lil Alla xi
jkollkom bżonn, u iżżuh ħajr.

[7]U s-sliem ta' Alla, sliem li jgħaddi kulma l-moħħ jista' jifhem,
iżommilkom qalbkom u moħħkom sħaħ
fi Kristu Ġesù.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Is 61, 1

Hallelujah. R/. Hallelujah
L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi,
għax il-Mulej ikkonsagrani, biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*U aħna, x'għandna nagħmlu?*

Lq 3, 10-18

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

F'dak iż-żmien, [10]in-nies kienu jistaqsu lil Ġwanni u jgħidulu:
«Mela x'għandna nagħmlu?» [11]U huwa kien iweġibhom:
«Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn,
u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess.»

[12]Resqu wkoll xi pubblikani biex jitgħammdu u qalulu: «Mgħallem,
x'għandna nagħmlu aħna?» [13]U huwa weġibhom: «Tissikkaw lil
ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jmisskom tiegħdu.»

[14]Staqsewh ukoll xi suldati u qalulu: «U aħna, x'għandna nagħmlu?»
U huwa weġibhom: «Tisirqu lil ħadd bit-tehdid jew bil-qerq
tagħkom, u kkuntentaw ruħkom bil-paga li għandkom.»

[15]Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan, u kulħadd kien jistaqsi lilu
nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija. [16]Għalhekk Ġwanni
qabad u qal lil kulħadd: «Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma,
imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jisthoqqlix inħollu l-qfieli
tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar.
[17]Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa u jiġbor il-qamħ
fil-maħżen tiegħu, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex.»

[18]U b'ħafna twissijiet oħra kien ixandar lill-poplu l-bxara t-tajba.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu